# PINZELLATI U RIFLESSJONIJET FUQ L-ISTORJA SOĊJALI MOSTIJA

*Anthony Camilleri*

Sa minn qabel ma żernaq il-jum li l-istorja nkitbet b'karattri, jeroglifiċi jew pittogrammi, il-bniedem kien attiv fil-Mosta. Hekk jixhed id-dolmen ta' żmien il-Ħaġar fl-inħawi ta' Santa Margerita. Hekk nistgħu nsostnu bil-preżenza tal-kanali maqtugħin fil-blat mill-id tal-bniedem u mhux imħaffrin mill-qawwa ta' l-elementi, bħalma kien imħaffer il-ġmiel ta' wied li jgħaddi mill-Mosta u li tista' taqsmu minn tliet pontijiet tal-ġebel.

Il-Mosti, ħa nsejħulu hekk l-abitant ta' l-inħawi ta' żmien il-Ħaġar il-Ġdid, jiġifieri ta' madwar ħamest elef sena ilu, kien jgħożż it-tifkira ta' l-antenati tiegħu. Il-qabar kollettiv li nstab f'Marzu 1929 f'għalqa fiż–żebbuġa n-naħa tal-Biżbiżija kixef l-identità tan-nies midfuna f'dik il-fossa u wera li kienu tal-ġens tal-Mediterran.



*(Ritratt: Joe Spiteri) Id-Dolmen fl-inħawi ta' Santa Margerita li nstab mill-Professur Napuljun Tagliaferro f'Novembru 1908.*

Mela sa żmien bikri kien hawn ċiviltà fil-Mosta: organizzazzjoni soċjali, fuklari ta' twemmin, strutturi dinamiċi pubbliċi u kunċetti bażiċi ta' ħajja familjari. Il-bniedem kien tgħallem jaħdem l-għelieqi, irabbi l-bhejjem għall-ikel u jimmansa l-annimali biex jaqduh bħala żjieda max-xogħol li hu u tal-familja kienu kapaċi jagħmlu bis-saħħa tal-muskoli tagħhom. Ladarba waqqaf id-dolmen, il-mejda magħmula minn ħaġar kbir, kien jaf ukoll juża idejh biex isebbaħ il-ġebla.

Miż-żmien Neolitiku hemm qabża fl-istorja tal-Mosta għaż–żmien li dwaru hemm fdal mill-istorja. Infatti jkollna naqbżu żmien il-Bronż għax fl-istorja tagħna m'għandna xejn u niġu għall-Feniċi, dawk in-nies magħrufin għall-kummerċ fil-Mediterran, nies li waslu sa l-Ingilterra u kkummerċjaw ma' l-Indja. Tagħhom u taż-żmien Kartaġiniż u dak Ruman għandna l-oqbra u l-katakombi, għeliem ta' twemmin fil-ħajja ta' wara din.



*(Ritratt: Joe Spiteri) Wieħed mill-oqbra fil-katakombi ta' Bistra li kien użat mill-insara fi żmien ir-Rumani.*

Forsi kienu l-Għarab li tawna isimna. Il-Professuri Sir Temi Zammit u Dun Pietru Pawl Saydon, is-Sur Nin Cremona u l-Abbè E. Poggi qablu li l-kelma "Mosta" ġejja mill-għerq *WST*, li jfisser *fin-nofs*. Grognet u Annibale Preca kellhom spjegazzjonijet oħra. Iżda mill-istudji li għamel il-Professur Godfrey

Wettinger, għalliem tiegħi ta' l-istorja fil-Liċeo fl-1961/62 u 1962/63, dak l-istudjuż ta' l-istorja medjevali Maltija li ttratta s-suġġett b'mod xjentifiku u analitiku ta' studjuż serju li hu, riċerkatur fost l-oħrajn fl-arkivji Sqallin li għandhom rabta ma' l-istorja ta' Malta, qalli fuq it-telefon snin ilu li "Musta" tista' tkun il-kelma *Mustapha* sinkopatizzata, jiġifieri mqassra, f'dan il-każ bit-tneħħija ta' l-aħħar sillaba. Dan hu proċess li jiġri fil-lingwi u jeżemplifika ruħu fiċ-Ċiniż, li sar ilsien monosillabiku b'ħafna varjazzjonijiet u intonazzjonijiet biex jiddistingwu t-tifsira ta' kliem li jinkiteb l-istess. Qalli li postijiet li isimhom jibda bit-Ta', bħal Ta' Mlit u Ta' Qali, żgur li kienu ta' nies jisimhom jew magħrufin skond dak l-isem. Dan hu stabbilit mid-dokumenti. Iżda fil-każ tal-Mosta, it-Ta' possessiva ma teżistix u hu ma sab ebda dokument li juri li l-Mosta kienet ta' xi ħadd jismu Mustapha. Hi possibbiltà li għandha bażi, bħal dik ta' Temi Zammit *et alia*, fil-fatt li lsienna hu lsien Semitiku.

Qrib il-Mosta kien hemm ir-raħal ta' Musulmet, isem ċertament Mislem. Minn dokumenti jirriżulta li kien fl-1420 li l-ewwel darba li nsibu l-isem "Mosta". Kien żmien medjevali meta l-Ħakma Għarbija minn Malta kienet ilha li spiċċat.

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien għadu ma wasalx Malta fl-1526, għalkemm esperti tiegħu kienu ġew jaraw Malta x'toffri wara l-waqgħa ta' Rodi u kienu ta' parir kuntrarju li jissettiljaw hawnhekk. F'dik is-sena, skond il-*Malta Illustrata* ta' Abela Ciantar, ġrat ġrajja li kien għadha tissemma fi żmienhom, aktar minn mitejn u ħamsin sena wara. Kienet għadha titkanta fl-għana popolari tal-mara tad-dar u ta' l-għannejja meta, fi żmien li ma kienx hawn radjijiet, settijiet tat-televiżjoni, sterjos, vidjos, kasets u *record players*, l-għana kien il-mezz li wieħed iferraħ qalbu, iwassal messaġġ, iżomm tifkira ta' xi ġrajja jew jitbekka xi saram jew inkwiet u jgħolli sas-smewwiet jew ibaxxi sa l-infern xi persuna jew xi għaqda.

L-Għarusa tal-Mosta nsterqet lejlet it-tieġ bil-ħaddara u l-mistednin b'kollox u magħhom daqs erba' mitt raħli Mosti. Kienet it-tradizzjoni li qiegħdet il-grajja fit-Torri Cumbo għax m'hemm xejn storiku jew verifikabbli li l-għarusa hemm kienet toqgħod. Din il-ġrajja hi mistura fl-istorja. Peress li f'inħawi oħra tal-Mediterran, sew Nisrani sew Mislem, kemm Ewropew u kemm tal-Maghreb, stejjer jixxiebħu ma' din ta' l-għarusa tal-Mosta ssibhom ukoll, minħabba s-sibi misħut ta' dawk l-iżmna, hux il-każ li din kienet impurtata minn barra jew, aħjar, ikkupjata? Ninu Cremona, aktar minn sittin sena ilu fl-1932, ippubblika studju msejjaħ *Is the Bride of Musta A Myth?* Wieħed



*(Ritratt Joe Spiteri) It-Torri Cumbo kif inhu illum. It-torri oriġinali kien ta' Ġulju Cumbo li fl-1524 kien wieħed mill-ġurati ta' Malta.*

irid jimxi b'kawtela għax għaddew erba' sekli u nofs u iżjed mill-1526 u l-istorja għandha ħabta tixxeblek mal-folklor u mas-sentimenti tal-poplu u wieħed ma jkunx jista' jagħżel bejn fatt u leġġenda.

Żmien il-kavallieri, jekk wieħed jinsa l-ħakma inkwiżitorjali u argużina tagħhom, kien żmien ta' Rinaxximent għal pajjiżna fil-bini pubbliku u ta timbru definittivament Ewropew lill-gżejjer Maltin. Il-Kavallieri poġġew lil Malta fl-Ewropa anke għax saħħew l-istess tradizzjonijiet reliġjużi u ġabu influssi ta' ħsieb u ta' żvilupp strutturali soċjali u reliġjuż li kienu kurrenti fl-Ewropa ta' żmienhom. L-istess bħalma l-Maltin kienu jixorbu mill-influwenza ta' l-ilsiera Torok li, fil-għatx li jaqilgħu xi sold, kienu jduru għall-prattika tas-seħer ta' l-Orjent Qarib pajjiżhom u jbellgħu lill-Maltin il-qerq ta' moħħhom, hekk kienu jixorbu mingħand il-Kavallieri dawk l-ideat li fil-kors tal-prattika tagħhom ma kinux jipperikolaw il-qagħda ġuridika jew il-ħakma assoluta tal-Gran Maġisteru ta' l-Ordni ta' San Ġwann, anzi forsi jgħinha biex tissaħħaħ. Madanakollu nkwiet ġieli kien hemm imma s-saħħa tal-fewdaliżmu



*(Ritratt: Joe Spiteri) Il-Mitħna il-Qadima li nbniet mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1757.*

ta' l-Ordni kienet aqwa minn dik tas-serv Malti mjassar f'pajjiżu. Il-Malti seta' jindafar dafra madwar il-knisja parrokkjali. Fejn ma kienx hemm waħda sura u l-popolazzjoni kienet tiflaħ tibni waħda ġdida, indaħlu għax-xogħol. Hekk ġara meta l-knisja li Mons.Dusina sab fl-1575 inħasset żgħira u nbniet waħda fuq pjanta tal-Perit Tumas Dingli. Skond il-manuskritti din tlestiet fl-1619. Imbagħad kienu jibdew biex isebbħu l-knisja, kulħadd joffri skond gostih għall-opri proġettati.

Twaqqfu l-fratellanzi. Fil-Mosta kienu jeżistu qabel l-1658. Imma l-fratellanzi huma eqdem. F'Malta biss biss l-eqdem hi ta' San Ġużepp tar-Rabat. Il-fratellanzi kienu qishom *trade unions*: il-membri kienu jaħsbu f'xulxin u fil-familji meta jkun hemm il-ħtieġa, ngħidu aħna, xi ħadd jimrad jew imut u jħalli l-armla u l-orfni. Kien isirlu l-quddies u l-familja tal-mejjet kienet tingħata għajnuna ta' flus u sostenn ieħor.

Meta l-armata ta' Napuljun Bonaparti qalftet 'il barra lill-Ordni ta' San Ġwann, li kienet saret korrotta u bla sinsla, ġabet magħha ideat ġodda, liberali u demokratiċi, li b'xorti ħażina kienu mgħajba mill-imġiba ħakkiema ta' nies li riedu jibilgħu l-Ewropa u jimponu l-*Pax Gallicana*. Hawn Malta l-Franċiżi ħallewlna l-kunċett tal-proċedura ċivili, li timxi id f'id mad-drittijiet taċ-ċittadin u li min xi daqqiet hi ta' ostaklu għal terzi setgħat jew persuni li jaraw fiha rivali għall-influwenza tagħhom flok parallel kumplimentari u armonjuż.

Għall-iżbalji tagħhom il-Franċiżi pattewha qares għax ma damux ħlief sentejn hawn Malta. F'dawk is-sentejn inkitbet paġna fl-istorja tal-Mosta, paġna li għandha sservi ta' eżempju u ħaqqha min jirrifletti sewwa u fil-fond fuqha ħalli dak li ġara ma jkunx ġara għal darba waħda biss imma jkompli jnebbaħna f'sitwazzjonijiet u f'konfronti li fihom il-ġid tal-Mosta jkun mhedded.

Meta sar il-pjan biex tinħeles il-belt Valletta mill-ħakma Franċiża b'assalt ġenerali, Mostin u Karkariżi mill-Battaljun ta' Ċensu Borg Brared kienu l-ewwel li nifdu nkiss inkiss wara l-linji ta' l-għadu f'Marsamxett, fejn id-difiża kienet fjakka, is-swar baxxi u l-imħazen jagħtu ċans fejn huma jistkennu mill-għassa tal-Franċiżi. Is-sinjal ma wasalx fl-ewwel ġurnata. B'permess eċċezzjonali ta' Vaubois biex tingħata rappreżentazzjoni t-Teatru Manoel nhar ta' Ġimgħa minnhom, peress li kien josserva tradizzjoni tal-Maltin li nhar ta' Ġimgħa t-teatru kien jinżamm magħluq, xi uffiċjali Franċiżi semgħu d-diskors fil-hemda tal-lejl huma u jirritornaw fuq il-baħar hiemed lejn il-barrakki tagħhom. Il-kumplott inkixef, sittax-il Mosti nqabdu u fix-xhur ta' wara mietu xkubettjati ma' Dun Mikiel Xerri u sħabu f'Jannar u Frar 1799.

Il-ħakma Ingliża tibqa' mfakkra fl-istorja tal-Mosta għall-bini tar-Rotunda. Sar żvilupp kbir f'kull qasam: bini, iġjene, toroq, fortifikazzjonijiet, turiżmu, kummerċ, impjiegi. Imma l-bini tar-Rotunda jibqa' l-ġebla miljari ta' l-epoka Anglo-Sassona. Forsi mhux ta' b'xejn li l-Gvernatur Protestant ta' Malta, Sir Frederick Cavendish Ponsonby, ġie għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tar-Rotunda mill-Vigarju Ġenerali u ngħata laqgħa trijonfali u mill-qalb kif jaf jagħti l-poplu Mosti lil dawk li jweġġħuh.



*Il-Pjanta tal-Knisja Rotunda kif imħażża minn Ġorġ Grognet De Vassé.*

Dawn il-pinzellati ta' l-istorja soċjali mbiegħda ta' raħalna għandhom iservu bħala bażi ta' riflessjoni għalina meqjusa f'relazzjoni ma' l-għaqdiet ta' żminijietna u mas-soċjetà akbar li tgħaqqadna flimkien minkejja l-forzi xi kultant opposti li jiġbdu kontra xulxin.

Mhux l-ewwel darba li smajt Mostin naturalizzati, jiġifieri nies li ġew joqogħdu l-Mosta bosta snin ilu u saru ħaġa waħda mal-Mosta u jiftaħru li huma

Mostin, jgħidu li huma l-barranin fil-kumitati tal-każini, bħala regola, li jipproponu ideat ġodda. Il-Mostin jibqgħu lura, ħalli mbagħad joħorġu l-flus u x-xogħol. L-opinjoni tiegħek, ċittadin Mosti, hi tajba daqs, u tista' tkun aħjar, minn ta' ħaddieħor! Esprimiha!

Wieħed għandu jaqdi fuq bażi ta' ugwaljanza, imqar jekk il-kmand irid joħroġ minn xi ħadd. L-awtorità hi uffiċċju, mezz biex l-affarijiet jiffunzjonaw. Il-persuna m'għandha ebda drittijiet aktar minn ħaddieħor. L-awtorità mhix 'il fuq mil-liġi: la l-liġi ta' Alla u lanqas il-liġi tal-bnedmin.

Ma nistgħux nuffiċjalizzaw il-gidba biex ngħattu x-xtur tas-setgħanin jew neżaltaw il-patroċinju tal-ħakkiema u npinġuh bħala patern, qisna għadna ngħixu fi żminijiet fewdali.

Meta jiltaqgħu ideat u kurrenti opposti ġid jista' jsir jekk il-fehmiet nistqarruhom sinċerament, mingħajr passjoni u bi spirtu ta' tolleranza ma' dawk ta' ħaddieħor.

Il-Mosta hi ġgant rieqed li għadu ma qamx għal ċerti realtajiet u għalhekk għadu ma ħax dak li hu bi dritt sagrosant u irrifjutabbli tiegħu u ta' wliedu.





**21 CONSTITUTION STREET, MOSTA - Tel: 432832**

* Babies and Children's Clothes and Footwear
* Prams and Pushchairs: CHICCO, SILVER CROSS, MARMET, CINDICO, MACLAREN, CAM, BIEMME, INGLESINA, JANE and others.
* All CHICCO Products
* Nursery Equipment: Beds/Cots, Mattresses, High Chairs, Playpens, Baby Walkers, Bouncers, Dresserettes etc.
* Toys and Games
* Baby Gifts & Birthday Presents